MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2003

Ċitazzjoni Numru. 1424/2000/1

**Dennis TANTI**

**vs**

**Dr. Ray BUSUTTIL M.B.Ch. (Manch), DCH (Glas), FRCGP (Eng), fil-kapaċita' tiegħu ta' Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tas-Saħħa u Tabib Prinċipali tal-Gvern, u Saviour Lautier fil-kapaċita' tiegħu ta' Direttur għar-Riżorsi Umani fid-Dipartiment tas-Saħħa**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fl-10 ta' Lulju, 2000, li bih l-attur ippremetta:

Illi l-attur kien applika għall-promozzjoni fil-gradi rispettivi ta' Departmental Nursing Manager u Manager Nursing Services fid-Divizjoni tas-Saħħa, skond iċ-ċirkularijiet OPM/MPO B11 Nru. 29/94 u OPM/MPO B11 Nru. 30/94 rispettivament, u kif ukoll fl-istess żewġ gradi fid-

Dipartiment ta’ l-Anzjani u Bzonnijiet Speċjali, skond iċ-ċirkularijiet OPM/MPO B11 Nru. 37/94 datata l-21 ta’ Novembru, 1994, u OPM/MPO B11 Nru. 183/94 datata l-24 t’Ottubru, 1995 rispettivament;

Illi dawn l-applikazzjonijiet u l-eleġibilita’ o meno tal-attur kellha tiġi kkunsidrata u proċessata mill-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku;

Illi ma’ kull waħda mill-erba’ applikazzjonijiet imsemmija sottomessi mill-attur, il-konvenut Saviour Lautier, impjegat u fis-servizz tal-konvenut l-ieħor Tabib Prinċipali tal-Gvern kien bagħat “Service and Leave Record Form (GP 47)” li kienet tikkontjeni allegati ta’ nuqqasijiet serji mwettqa mill-attur waqt il-qadi ta’ dmirijietu, liema allegazzjonijiet kieku kienu minnhom kienu jippreġudikaw serjament il-prospetti tiegħu li jingħazel għall-promozzjoni, u dan meta fil-verita’ l-kondotta tal-attur bħala mpjegat fis-servizz pubbliku kienet u għadha waħda nadifa u ħielsa minn kull ħtija;

Illi llum l-istess awtoritajiet konvenuti qegħdin jirrikonoxxu li dan kien żball u li di fattii l-kondotta tal-attur hija waħda netta;

Illi minkejja l-iżvantaġġ li nħoloq kontra l-attur kawża ta’ l-allegazzjonijiet żbaljatii msemmija, huwa kien viċin ħafna li jingħata l-promozzjoni fil-ġrad ta’ Departmental Nursing Manager fid-Dipartiment ta’ l-Anżjani u Bzonnijiet Speċjali, tant li l-Ombudsman kien sab li fil-probabilta’ kollha kienet saret diskriminazzjoni kontra tiegħu meta r-riġa ta’ l-għażla kienet waqfet darbtejn fuqu konsegwenza ta’ tibdil fil-“complement” u li ma kienux għal dwn l-iżbalji l-promozzjoni kienet tingħata fiċ-ċertezza lill-attur;

Illii b’konsegwenza taċ-ċaħda tal-attur mill-promozzjoni meritata fil-grad ta’ Departmental Nursing Manager fid-Dipartiment ta’ l-Anżjani u Bzonnijiet Speċjali, huwa tilef l-eliġibilita’ li japplika għall-post fil-grad ta’ Manager Nursing Services fid-Dipartiment tal-Customer Services (Sptar Ġenerali ta’ Għawdex) fil-Ministeru għal Għawdex, skond iċ-ċirkulari tal-MPO Nru. 70/99 datata t-18 ta’ Mejju, 1999, liema post għadu jinsab vakanti s’issa;

Illi l-konvenuti konsapevoli b'dan l-iżball baqgħu ma ħadu ebda azzjoni biex tiġi rettifikata l-inġustizzja fl-għazla għall-promozzjoni li saret kontra l-protestant, minkejja li issa ġie stabbilit definittivament li din l-inġustizzja tassew seħħet;

Illi l-attur sar jaf b'dan kollu riċentement, u kien għalhekk li ma pproċedix qabel bil-kawża odjerna;

Għaldaqstant jgħidu l-konvenuti jew min minnhom għaliex din il-Qorti m'għandhiex għar-ragunijiet fuq imsemmija prevja kull dikjarazzjoni opportuna u neċessarja:

1. Tiddikjara li meta għall-fini tal-applikazzjonijiet sudetti, l-konvenuti fornew lill-Kummissjoni tasServizz Pubbiku u kull awtorita' oħra, inter alia s-"Service and Leave Record Form (GP47)" din kienet tikkontjeni informazzjoni żbaljata u skorretta fis-sens li dina ma kienitx tindika li kellu kondotta li kienet ħielsa u nadifa minn kull ħtija u passi dixxiplinari;

2. Tiddikjara lill-konvenuti għalhekk li meta taw din l- informazzjoni żbaljata, kienu traskurati u negliġenti fl-aġir tagħhom di fronte tal-attur;

3. Tordna li kopja ta' din is-sentenza tiġi komunikata lill-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku, b'riserva għal kull azzjoni li l-attur talvolta jista' jkollu għad-danni kontra l-istess konvenuti;

Bl-ispejjeż u bil-konvenuti minn issa nġunti għas-subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-attur;

Rat in-Nota mressqa fit-22 ta' Settembru, 2000, li biha l-imħarrkin, fil-kwalita' tagħhom premessa, eċċepew:

1. Illi preliminarjament il-kwistjoni sollevata fiċ-ċitazzjoni tirrigwarda proċess ta' għazla magħmul mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u hija skond l-

artikoli 110 u 115 tal-Kostituzzjoni sollevabbli biss se mai quddiem din il- Kummissjoni u mhux quddiem il-Qrati;

2. Illi preliminarjament il-kawża intavolata mill-attur hija preskritta ai terminu ta' l-Artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili stante li hija bbażata fuq allegat aġir traskurat u negliġenti da parti ta' l-atturi li skond l-istess attur seħħ fin-1994 u 1995;

3. Illi preliminarjament u kollu mingħajr preġudizzju għas-suespost it-talba li kopja ta' l-eventwali sentenza tiġi komunikata lill-Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku tmur kontra l-Artikolu 115 tal-Kostituzzjoni ta' Malta li huwa ntiż jipproteġi lill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku minn proċeduri legali fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħha. Tali komunika ġġorr magħha l- implikazzjoni illi l-Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku ma qdietx il-funzjoni tagħha skond il-kostituzzjoni u hija inammessibli. Di piu' is-sempliċi notifika ta' sentenza ma tistax tkun l-għan ta' kawża u tali talba għan-notifika hija għalhekk karenti minn fondament legali;

4. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-allegazzjonijiet vantati mill-attur fil-konfront tal-konvenuti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li tali allegazzjonijiet huma bbażati fuq sitwazzjonijiet ipotetiċi pretiżi mill-attur u ma hemm xejn x'juri li kieku ma kienx għall-informazzjoni in kwistjoni l-attur kien jingħata l-promozzjoni, u l-idonjeta' ta' l-attur għall-promozzjoni m'hijiex materja li taqa' fil-ġurisdizzjoni ta' din il-qorti;

5. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost id-deċiżjoni ta' l-Ombudsman ċitata mill-attur hija biss opinjoni u ma hijiex esegwibbli ġudizzjarjament. Madankollu dik id-deċiżjoni ma ddikjaratx diskriminazzjoni kontra l-attur. Di piu' fil-konfront ta' l-allegat tibdil fil-"complement" mid-Dipartiment ta' l-Anżjani u Bzonnijiet Speċjali, il-konvenuti ma humiex leġittimi kontradittur stante li l-amministrazzjoni ta' l-istaff fid-Dipartiment msemmi ma jaqax fil-mansjoni tagħhom;

Salv eċċezzjonijiet oħra;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-imħarrkin *nomine*, flimkien maż-żewġ (2) dokumenti mehmużin magħha;

Rat id-Degriet tagħha tad-29 ta’ Marzu, 2001, li bih tat lill-attur żmien biex iressaq Nota ta’ Sottomissjonijiet dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni mqanqla mill-imħarrkin *nomine*;

Rat id-Degriet tagħha tat-12 t’April, 2001, li bih u fuq talba tal-attur f’rikors tiegħu tal-20 t’April, 2001, ħassret id-Degriet tagħha tad-29 ta’ Marzu, 2001, *contrario imperio*, u tat lill-attur il-jedd li jtella’ xiehda dwar l-imsemmija eċċezzjoni qabel ma jgħaddi biex iressaq in-Nota ta’ Sottomissjonijiet;

Semgħet lill-attur jixhed;

Rat in-Nota mressqa mill-attur fil-31 ta’ Mejju, 2001[1], b’affidavit tax-xhieda tiegħu mehmuż magħha;

Rat id-Degriet tagħha tal-20 ta’ Novembru, 2001[2], li bih tat mill-ġdid lill-attur żmien biex iressaq in-Nota ta’ Sottomissjonijiet dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni;

Rat in-Nota ta’ Osservazzjonijiet imressqa mill-attur fis-7 ta’ Diċembru, 2001[3];

Rat in-Nota ta’ Tweġiba mressqa mill-imħarrkin *nomine* fil-25 ta’ Frar, 2002[4];

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-Degrieti tagħha tal-15 ta’ Mejju, 2002, tas-27 ta’ Settembru, 2002, tas-16 ta’ Jannar, 2003, tat-8 ta’ Mejju,

---

[1] Paġġ. 41-4 tal-proċess
[2] Paġ. 54 tal-proċess
[3] Paġġ. 55-9 tal-proċess
[4] Paġġ. 63-4 tal-proċess

2003, u tad-19 ta' Ġunju, 2003, li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza dwar l-imsemmija eċċezzjoni;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni dikjaratorja. L-attur qiegħed jitlob li jiġi dikjarat li l-imħarrkin taw tagħrif żbaljat dwaru lill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku meta din kienet qegħda tifli applikazzjonijiet għal ċerti karigi fid-Dipartiment tas-Saħħa, fosthom dik tal-istess attur. Hu jisħaq li, minħabba dak it-tagħrif ħażin dwar l-imġiba tiegħu fuq ix-xogħol, baqa' ma ntgħażilx. Għalhekk, l-azzjoni attriċi hija mibnija fuq il-kawżali tal-proċess ta' għażla vizzjat bi traskuraġni jew negliġenza tal-imħarrkin;

Illi, min-naħa tagħhom, l-imħarrkin laqgħu billi jtennu li l-attur messu ressaq l-ilment tiegħu quddiem il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, billi l-ebda qorti ma tista' tindaħal fil-mod kif twettaq xogħolha; iżidu li l-attur naqsa li jressaq l-azzjoni tiegħu fiż-żmien li tagħtih il-liġi; u, fil-mertu, li dak li qiegħed jallega l-attur ma jwassalx għall-konsegwenza li l-proċess tal-għażla kien vizzjat;

Illi din is-sentenza tirrigwarda biss l-eċċezzjoni dwar jekk l-attur ressaqx l-azzjoni tiegħu fiż-żmien li tagħtih il-liġi;

Illi jirriżulta bħala <u>fatti fl-atti tal-kawża</u> li, bejn Ottubru tal-1994 u Ottubru tal-1995, kienu ħarġu sejħat għall-applikazzjonijiet mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru, għall-mili ta' karigi maniġerjali fid-Dipartiment tas-Saħħa[5]. Jirriżulta li l-attur kien impjegat mad-Dipartiment u tefa' l-applikazzjoni tiegħu għal dawn is-sejħat. Fost id-dokumentazzjoni li kellha titressaq ma' kull applikazzjoni, kien hemm dik li tagħti tagħrif dwar twettiq ta' servizz u teħid ta' leave (magħrufa bħala GP47). Din intbagħtet lill-Kummissjoni direttament mid-Dipartiment, u l-attur ma tħalliex jibgħatha hu[6]. Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku għarblet l-applikazzjonijiet. L-attur ma kienx fost il-persuni

[5] Dokti "BG1" u "BG2", f'paġġ. 13-7 tal-proċess
[6] Ara Affidavit tal-attur 23.5.2001, f'paġ. 42 tal-proċess

magħżulin.  Fl-istess sena, l-attur kien applika għal sejħat oħrajn għall-applikazzjoni fid-Dipartiment tal-Anzjani u Persuni bi Bżonnijiet Speċjali.  F'dawn il-każi wkoll l-attur ma kienx intgħażel.  L-attur ilmenta kemm quddiem il-Kummissjoni u kif ukoll quddiem l-Ombudsman, li, fit-22 t'April, 1998[7], ħareġ il-konklużjonijiet tiegħu dwar l-ilment tal-attur.  L-attur jgħid li sar jaf bit-tagħrif żbaljat dwaru li kien imniżżel fuq il-GP47 f'Lulju tal-1999[8], u dan għaliex kien għarrfu biha ħaddieħor.  F'Lulju tal-2000 infetħet il-kawża;

Illi dwar l-aspetti legali marbutin mal-eċċezzjoni taħt eżami, minn dak li jidher mill-att taċ-Ċitazzjoni nnifsu, l-attur qiegħed jixli lill-imħarrkin b'negliġenza jew traskuraġni bl-għoti min-naħa tagħhom ta' tagħrif ħażin dwaru u billi baqgħu ma rrimedjawx għall-iżball tagħhom minkejja li għarfu n-nuqqas[9].  Fi kliem ieħor, l-azzjoni tiegħu hija waħda msejsa fuq il-ħtija li huwa jixħet fuq l-imħarrkin;

Illi filwaqt li għall-ewwel l-attur jidher li jistqarr[10] li l-preskrizzjoni applikabbli għall-każ hija dik preskrittiva ta' sentejn, skond l-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili, iżjed 'il quddiem[11] jisħaq li ż-żmien applikabbli huwa dak ta' ħames snin, imnissla mill-obbligazzjoni kontrattwali eżistenti bejn l-attur u l-imħarrkin.  Iżid jgħid li ż-żmien kien beda jgħaddi minn Lulju tal-1999, meta sar jaf fis-sewwa li t-tagħrif mibgħut dwaru kien żbaljat.  Huwa jisħaq li, qabel l-1999,  lanqas biss seta' jmexxi b'kawża.  Fl-aħħarnett jgħid li, ladarba fl-2000 ingħata l-promozzjoni b'effett retroattiv, dan ġab miegħu rinunzja min-naħa tal-imħarrkin għaż-żmien tal-preskrizzjoni, skond l-artikolu 2109 tal-Kodiċi.  Waqt it-trattazzjoni bil-fomm quddiem il-Qorti, l-abbli difensur tal-attur avvanza wkoll il-fehma li l-ewwel talba, bħala waħda dikjaratorja, lanqas biss hija preskrivibbli.  L-imħarrkin iwarrbu s-sottomissjonijiet tal-attur u jisħqu li ż-żmien li huwa kellu biex iressaq il-kawża

[7] Dok "1A", f'paġġ. 32 sa 37 tal-proċess
[8] Ara  Affidavit attur 23.5.2001, f'paġ. 43 tal-proċess
[9] Irid jingħad li, matul iż-żmien li kien għaddej is-smigħ tal-kawża, l-attur ingħata l-ħatra fil-25 t'Ottubru, 2000, b'effett mill-25 ta' Settembru, 1995 (Ara Dok "2A", f'paġ. 38 tal-proċess)
[10] Nota ta' Osservazzjonijiet,  par 4, f'paġ. 56 tal-proċess
[11] *Ibid.*, par. 8, f'paġ. 57 tal-proċess

kien dak ta' sentejn li bdew jgħaddu minn dak inhar li seħħet il-ġrajja li huwa jilmenta minnha[12];

Illi għall-finijiet ta' preskrizzjoni, il-liġi tagħraf tliet għamliet ta' azzjoni għad-danni, u jiġifieri: (a) azzjoni dwar ħsarat imnissla minn għamil li jikkostitwixxi reat, f'liema każ, iż-żmien tal-preskrizzjoni huwa dak imfisser mil-liġi biex issir l-azzjoni kriminali dwar l-istess reat; (b) azzjoni għall-ħsarat imnisslin minn delitt jew kważi-delitt (l-hekk imsejħa *culpa aquiliana*), f'liema każ il-preskrizzjoni hija ta' sentejn ġprinċipju rifless fl-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċiviliħ; u (ċ) azzjoni għall-ħsarat imnissla minn nuqqas ta' twettieq ta' kuntratt li mhux imfisser f'att pubbliku, f'liema każ il-preskrizzjoni hija dik ta' ħames snin[13];

Illi, għalhekk, il-preskrizzjoni ta' sentejn imsemmija fl-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili, minbarra li ma tapplikax għall-ħsara maħluqa minn għamil li jikkostitwixxi reat, lanqas ma tapplika fejn l-allegata ħsara titnissel minn ksur ta' patt kuntrattwali[14];

Illi minħabba li l-preskrizzjoni mressqa mill-imħarrkin fil-każ preżenti hija waħda estintiva tal-azzjoni attriċi, jidħol fis-seħħ il-prinċipju li ż-żmien preskrittiv jgħaddi biss minn dak inhar li jkun tnissel id-dritt jew setgħet tinbeda l-azzjoni meqjusa biex tħares dak id-dritt. Huwa meħtieġ li tali fatt jiġi stabilit b'mod konklussiv minn min jeċepixxi l-preskrizzjoni[15], u f'każ li tali fatt ma jistax jiġi aċċertat jekk mhux b'diffikulta' il-Qorti għandha tiffavorixxi lill-persuna kontra min tkun qegħda tiddekorri l-preskrizzjoni[16]. Dan il-prinċipju huwa mibni fuq il-massima li *actioni non natae non praescribitur*. L-awturi Baudry-Lacantinerie u Tissier f'dan ir-rigward jgħallmu li: *"Quanto alla prescrizione estintiva, il suo corso comincia in principio a partire dal giorno in cui e' nato il diritto o l'azione che e' destinata ad estinguere..."*[17]. Iżjed 'il quddiem iżidu jgħidu illi *"La prescrizione estintiva in materia di diritti eventuali non*

---

[12] Nota responsive, paġġ. 63-4 tal-proċess
[13] Ara, per eżempju, App. Ċiv. **27.4.1953**, fil-kawża fl-ismijiet ***Micallef noe vs Cassar*** (Kollez. Vol: **XXXVII.i.140**)
[14] P.A. 9.1.1953, fil-kawża fl-ismijiet ***Stivala vs Colombo*** (Kollez. Vol: **XXXVII.ii.622**)
[15] App. Ċiv. **5.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Perit Guido Vella vs Dr. Emmanuel Ċefai***
[16] App. Ċiv. **14.1.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Abela vs Francis Cassar et noe et***
[17] cfr. Trattato Teorico-Pratico di Diritto Civile: Della Prescrizione Cap XII, par 364 pag. 279).

*decorre evidentemente se non dopo il verificarsi dell'evento che fa nascere il diritto rimasto fin allora puramente eventuale"*[18];

Illi ġie stabilit ukoll li, għall-finijiet tal-artikolu 2137, iż-żmien li fih l-azzjoni għandha tinbeda tiddependi minn ċirkostanzi oġġettivi u mhux minn x'jaħseb l-imġarrab, u li, ċertament, in-nuqqas ta' għarfien tal-liġi m'huwiex raġuni valida biex jingħad li l-azzjoni ma setgħetx issir qabel[19];

Illi, madankollu, mhux kull ħsara li ġġarrab persuna minn għamil jew nuqqas ta' ħaddieħor waqt it-twettieq ta' kuntratt tikkostitwixxi ħtija kuntrattwali: iżda biex tkun ħtija akwiljana, kif imfisser hawn fuq, jeħtieġ jintwera li l-għamil li minħabba fih issir il-ħsara jkun għal kollox miftum u awtonomu mir-rabta mnissla mill-kuntratt[20];

Illi, hu x'inhu l-għajn tal-preskrizzjoni invokata mill-imħarrek, jaqa' dejjem fuq il-Qorti li tqis minn liema data tali preskrizzjoni bdiet għaddejja, u l-eċċezzjoni għandha tiġi miċħuda jekk mill-provi mressqin jew mill-atti tal-proċess dik id-data ma tkunx tista' tiġi stabilita[21];

Illi wara li qieset dawn il-fatti u konsiderazzjonijiet legali kollha, il-Qorti ssib li ma tistax taqbel mas-sottomissjonijiet tal-attur li ladarba l-ħsara li l-attur jgħid li ġarrab tinstilet proprju mill-patti kuntrattwali li huwa jgħid li l-imħarrkin naqsu li jħarsu, il-preskrizzjoni applikabbli f'dan il-każ m'hijiex dik imsemmija minnhom, imma oħra itwal. Dan għaliex, kif ingħad, il-fatt li jkun hemm relazzjoni kuntrattwali bejn il-partijiet ma jfissirx li kull ħsara li ssir tkun bilfors il-konsegwenza ta' nuqqas ta' twettiq ta' xi obbligazzjoni li toħroġ mill-kuntratt, u, f'każ bħal dan, il-preskrizzjoni ta' għamil illeċitu li ma jkunx reat tkun ta' sentejn[22]. F'dan il-każ, il-Qorti ma tista' bl-ebda mod tasal li taqbel mal-attur li l-allegat nuqqas tal-imħarrkin jew ta' xi ħadd minnhom kien każ ta' inadempiment kuntrattwali, jew fatt imnissel ħaġa waħda mill-istess kuntratt tal-impieg

[18] *Op. cit.* (Par 393bis, pag 306)
[19] P.A. **25.4.1964** fil-kawża fl-ismijiet ***Delia vs Testaferrata Abela*** (Kollez. Vol: **XLVIII.ii.959**)
[20] P.A. **19.2.1954**, fil-kawża fl-ismijiet ***Busuttil vs Schembri*** (Kollez. Vol: **XXXVIII.i.292**)
[21] App. Ċiv 5.4.1993, fil-kawża fl-ismijiiet *Quintano vs Calleja et* (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.269**)
[22] Ara P.A. GCD **22.5.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Giovanni Laurenti et vs Mapa Holdings Limited***

tiegħu. Ix-xilja ta' għamil negliġenti jew traskurat tmur lil hinn sewwa mill-parametri tal-obbligazzjonijiet reċiproċi bejn il-partijiet imħarsin bil-kuntratt tal-impieg tiegħu;

Illi l-Qorti, mhux mingħajr ċerta riżerva dwar termini ta' preskrizzjoni oħrajn li setgħu kienu applikabbli dwar l-azzjoni tal-attur, tqis għalhekk li ż-żmien ta' preskrizzjoni ta' sentejn imsemmi fl-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili kien japplika għall-każ;

Illi l-Qorti lanqas ma tista' taqbel mal-attur li ż-żmien tal-preskrizzjoni beda għaddej minn Lulju tal-1999, jiġifieri minn dak inhar li xiħadd li xtaq jibqa' mistur tarraflu b'dak li kien hemm miktub dwaru fil-GP47 mehmużin mal-aplikazzjonijiet tiegħu għall-ħatriet disponibbli. Ingħad għadd ta' drabi mill-Qrati tagħna li mhux kull xkiel jagħti lok għall-applikazzjoni tal-massima *contra non valentem agere non currit prescriptio*. Biex din ir-regola sseħħ, jeħtieġ jintwera (naturalment, minn min jallega li ma setax jaġixxi qabel) li l-impossibilita' li wieħed jaġixxi trid tkun waħda indipendenti mir-rieda tiegħu, dovuta għal kawża 'l barra minnu liema kawża ma setax iwarrab[23]. Fil-każ preżenti, l-għamil li l-attur jgħid li l-imħarrkin iridu jwieġbu għalih seħħ żgur qabel ma l-applikazzjonijiet tiegħu bdew jitqiesu mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Jekk għandu raġun f'dak li qiegħed jallega - jiġifieri li kien minħabba dak l-għamil li huwa ma ntgħażilx għall-ħatriet li applika għalihom - iż-żmien li fih kellu jressaq l-azzjoni tiegħu beda jgħaddi minn dak inhar. Il-Qorti, f'dan l-aspett, issib li jkollha taqbel mas-sottomissjoni tal-imħarrkin li l-attur, fil-proċeduri li kien diġa' beda wara li ħareġ ir-riżultat, kellu għad-dispożizzjoni tiegħu l-possibilita' u l-meżżi li jintebah b'dak l-għamil fi żmien utli. Ir-raġuni miġjuba minnu (imma bl-ebda mod ippruvata) hija dgħajfa wisq biex tintlaqa';

Illi minn dan kollu joħroġ li fil-fatt l-attur naqas li jressaq il-kawża tiegħu fiż-żmien li kienet tagħtih il-liġi. Bl-ebda mod ma jista' jingħad li ż-żmien preskrittiv ġie interrott bl-

---

[23] Ara , per eżempju App. Kumm.. **15.2.1965** fil-kawża fl-ismijiet ***Attard noe vs Fenech*** (Kollez. Vol: **XLIX.i.500**) u ,App. Inf. **12.5.2003** fil-kawża ***Mario Testa vs Alfred Theuma et***

għoti tal-ħatra lill-attur matul iż-żmien li kienet għaddejja l-kawża u dan għaliex il-ħatra ma ngħatatx lilu mill-imħarrkin. Jekk xejn, l-effett tal-għoti tal-ħatra lill-attur b'effett li jmur lura għaż-żmien meta kien oriġinarjament ikun eliġibbli għaliha, u l-aċċettazzjoni tiegħu ta' tali ħatra b'dik il-kundizzjoni, jista' jkollhom effett fuq l-interess ġuridiku tal-attur li jissokta bil-kawża preżenti. Imma din il-kwestjoni ma tagħmilx parti mill-istħarriġ li din il-Qorti ntalbet tagħmel f'din is-sentenza;

Illi mhux kontestat lanqas li, qabel ma beda l-kawża preżenti, l-attur ma jidher li interpella bl-ebda mod lill-intimati b'xi att ġudizzjarju li seta' jinterrompi l-preskrizzjoni;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tilqa' t-tieni eċċezzjoni** tal-imħarrkin, u tiddikjara li l-attur naqas li jressaq il-kawża fi żmien utli;

**Tiċħad it-talbiet tal-attur;** u

**Teħles lill-imħarrkin milli jibqgħu iżjed fil-kawża,** bl-ispejjeż kontra l-attur.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------